Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 324/2013AE

**Emanuel Cutajar**

**Vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

L-Erbgha, 11 ta' Novembru 2015.

B'sentenza parzjali tad-19 ta' Mejju 2014 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata li:-

*"preliminarjament dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jiehu konjizzjoni ta' din il-procedura stante li r-rikorrenti ma ezawrix ir-rimedji ordinarji spettanti lilu skond l-Artikolu 108(10) tal-L.S. 499.56 tal-Ligijiet ta' Malta"*.

Il-proceduri nbdew b'rikors li r-rikorrent ipprezenta fis-16 ta' Dicembru 2013 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva wara li kien gie notifikat b'avviz datat 20 ta' Novembru 2013 li l-Awtorita appellanti kienet imponiet fuqu penali amministrattiva ta' €500 u 50 punti penali minhabba li kiser ir-regolament numru 69(2) tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (Ligi Sussidjarja 499.56). Fl-avviz jinghad ukoll li r-rikorrent kellu dritt jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, fi zmien 30 jum minn meta jircievi l-avviz.

L-aggravji tal-appellanti huma li:-

1. L-appellat naqas milli jaghmel rapprezentazzjonijiet quddiem l-Awtorita' kif kellu obbligu li jaghmel skond regolament 108(10) tal-Ligi Sussidjarja 499.56. Ladarba ma ddefendiex ruhu bil-mod kontemplat f'dan ir-regolament ma kellux dritt jappella mid-decizjoni tal-Awtorita'.
2. Ghalkemm fl-avviz ir-rikorrent gie nfurmat li ghandu dritt jappella quddiem it-Tribunal, ma jfissirx li ma japplikax ir-regolament 108(10).

Ir-rikorrent wiegeb li:-

1. L-appell hu null ghaliex ma ntalabx il-permess tat-Tribunal sabiex jappella mis-sentenza parzjali;
2. Fil-meritu, l-uniku avviz li rcieva r-rikorrent kien Dok. EM1 (fol. 39). F'kull kaz il-ligi ma tipprovdi li min ma jaghmilx rapprezentazzjonijiet lill-Awtorita' jitlef il-jedd li jappella quddiem it-Tribunal.

**Konsiderazzjoni**.

1. Mill-atti jirrizulta li l-appellanti qatt ma talbet il-permess tat-Tribunal sabiex tappella mis-sentenza parzjali tad-19 ta' Mejju 2014.

   Skond l-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490),

   *"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkollu l-istess setghat li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili"*.

   Imbaghad l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 jipprovdi li appell minn sentenza parzjali jista' jsir biss wara li jinghata permess mill-qorti bil-miftuh.

   Fil-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta m'hemmx provvediment generali li jghid li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 japplikaw ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Fil-fatt l-Artikolu 15 jipprovdi li l-Ministru tal-Gustizzja jista' jaghmel regolamenti li:-

   *"jistabbilixxu liema disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk ikun hemm, li ma ġewx imsemmija f'dan l-Att, jekk hemm, għandhom japplikaw għall-proċedura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".*

   Min-naha l-ohra fil-Kap. 490 hemm disposizzjonijiet li jipprovdu espressament li japplikaw certu provvedimenti tal-Kap. 12 (ara per ezempju Artikoli 9(3), 13(2), 15 u 23(2) tal-Kap. 490). Madankollu m'hemm riferenza espressa ghall-Artikolu 231.

   Wiehed jista' jargumenta li peress li wahda mis-setghet tal-Prim'Awla hi li tawtorizza parti sabiex tappella minn sentenza parzjali (Artikolu 231 tal-Kap. 12) u skond l-Artikolu 20 tal-Kap. 490 it-Tribunal ghandu l-istess setghat li ghandha l-Prim'Awla, allura l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika wkoll fil-kaz ta' proceduri quddiem it-Tribunal. Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 23(2) tal-Kap. 490 jipprovdi:-

   *"(2) Id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-Qorti tal-Appell fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-Qorti tal-Appell meta din tkun qegħda tisma' appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva"*.

Il-qorti tasal biex tghid li wkoll b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) tal-Kap. 490, l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika fir-rigward ta' proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Qorti tal-Appell ma tistax tisma' appell minn sentenza *in parte* hlief jekk l-ewwel qorti tkun tat permess li jsir appell qabel is-sentenza definittiva[1]. Materja li hi sollevabbli wkoll *ex officio* mill-Qorti tal-Appell.

2. F'kull kaz fil-meritu r-regolament 108(10) tal-Ligi Sussidjarja 499.56 jipprovdi:-

   *"(10) Qabel ma timponi penali amministrattiva skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma l-persuna li fuqha tkun ser tiġi imposta l-penali bl-intenzjoni tagħha permezz ta' avviż bil-miktub. Dak l-avviż għandu jkun jindika li l-persuna konċernata għandha d-dritt li tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fi żmien għaxart ijiem billi tagħti raġunijiet għaliex il-penali amministrattiva m'għandhiex tiġi imposta u l-Awtorità għandha tikkonsidra kull rappreżentazzjoni li ssir b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha tavża lill-applikant konċernat bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub".*

   Ir-regolament 108(10) japplika fejn il-penali tkun ghadha ma gietx imposta. L-avviz li tat l-appellanti, datat 20 ta' Novembru 2013 (fol. 4) u li m'hemmx kontestazzjoni li l-appellant ircevieh, hu li giet imposta fuqu penali amministrattiva u punti ta' penali. L-appellanti targumenta li gialadarba l-appellat naqas milli jaghmel rapprezentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorita' ma kellux jedd jappella mid-decizjoni tal-Awtorita. Il-qorti tosserva li kien biss fl-istadju tat-trattazzjoni li l-Awtorita' pprezentat ittra datata 8 ta' Novembru 2013 (fol. 42) indirizzata lil Speedway Garage, c/o Emanuel Cutajar[2], fejn jinghad li kellha l-intenzjoni li timponi fuqu penali amministrattiva ta' €500 u 50 punti ta' penali ghaliex kien jidhrilha li kien kiser Regolament 69(2) tal-Ligi Sussidjarja 499.56. Madankollu l-appellanti ma tat l-ebda prova li dak l-avviz gie fil-fatt notifikat lill-appellat, li min-naha tieghu mill-ewwel iddikjara li ma kienx ircevieh[3]. In vista tal-ewwel eccezzjoni l-appellanti kellha l-oneru li tipprova li l-avviz tat-8 ta' Novembru 2013 gie fil-fatt notifikat lill-appellat. Ladarba din il-prova ma saritx l-aggravju tal-appellanti ma jistax jintlaqa'.

[1] Eccezzjoni hi kontemplata fl-Artikolu 234 tal-Kap. 12.
[2] Intbaghatet *ai termini* tar-regolament 108(10).
[3] Ara l-ewwel paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta quddiem it-Tribunal (fol. 44).

**Ghaldaqstant tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellat u tiddikjara l-appell null, bl-ispejjez kontra l-appellanti. Tordna li l-atti jintbaghatu minnufih lura lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex jissokta bis-smiegh tal-kaz.**

Anthony Ellul.